MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2007

Numru 236/2003

Il-Pulizija
(Sp Nezren Grixti)
vs
Emanuel Caruana, iben Alfred, imwieled Pieta' fit-12 ta' marzu, 1979

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer fis-6 ta' marzu, 2003 għal ħabta tas-1.15 p.m. ġewwa l-Gżira, u matul dawn l-aħħar tlett xhur qabel din id-data, f'bnadi oħra f'Malta, f'ħinijiet differenti –
a. assoċja ruħu ma xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gżejjer, jew barra minn dawn il-Gżejjer, sabiex ibiegħ jew jittraffika mediċina f'dawn il-Gżejjer kontra d-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi

jew ippromuova, ikkostitwixxa jew iffinanzja din l-assoċjazzjoni;
b. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi biegħ jew xort'oħra ittraffika fil-pjanta meħuda mill-pjanta cannabis, jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi di ir-raza;
ċ. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi kellu fil-pussess tiegħu r-raza meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanżi li juru li ma kienitx għall-użu esklussiv tiegħu;
d. talli kiser il-kondizzjoni mogħtija lilu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta (Maġ. Dott. C. Scerri Herrera) tat-30 ta' ottubru, 2002 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel;
e. talli fis-6 ta' marzu, 2003 għal ħabta tas-1.00 p.m. saq vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni HAB 224, tal-marka FIAT 132, ġewwa Rue d'Argens, Gżira mingħajr ma kienet kkoperta b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji ta' terżi persuni;
f. talli fl-istess data, lok u ħin saq l-imsemmija vettura mingħajr ma kienet liċenzjata mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita' tat-Trasport ta' Malta biex tintuża fit-triq (liċenzja mhux imgedda).
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terżi persuni b'mod ġenerali il-flejjes u l-proprjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu imissu lill-akkużat jew huma proprjeta' tiegħu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli.
Il-Qorti ġiet mitluba, sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tordna lill-akkużat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-6 ta' april, 2004 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
a. fl-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta;
b. fl-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta; u

ċ. Fl-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 illum l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet
ta’ Malta;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta’ din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-6 ta’ april, 2004 fejn bis-saħħa tal-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta ħareġ il-kontrordni sabiex l-imputat jiġi proċessat quddiem din il-Qorti bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fuq l-akkużi miġjuba kontra tiegħu għal ksur tal-provvedimenti tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta’ ġunju, 2004 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċeura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta’ jannar, 2006 fejn il-Prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li l-imputat jista’ jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta fil-massimu ta’ żewġ gradi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta’ jannar, 2007 fejn il-partijiet qablu li l-akkużi (e) u (f) ma jirrizultawx u għalhekk l-imputat għandu jiġi liberat minn tali akkużi. F’dan ir-rigward ġie eżebit id-dokument numru 7 li minnu tirrizulta tali affermazzjoni tal-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta’ jannar, 2007 fejn il-partijiet qablu li meħud in konsiderazzjoni l-artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali l-ewwel tlett akkużi għandhom jiġu konsiderati bħala kompriżi u involuti.

Ikkunsidrat,

Illi mhemmx dubju li l-ewwel erba’ akkużi miġjuba kontra l-imputat ġew pruvati mingħajr ebda dubju dettat mir-raġuni.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-ħames u tas-sitt akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkużi. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 8(a)(b) u 22(1)(f)(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Rat illi l-imputat ikkolabora bi sħiħ mal-pulizija, kif imfisser aktar 'il fuq, u fil-fehma ta' din il-Qorti għandu jibbenefika mill-applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta fil-massimu tiegħu. Għalhekk, tikkundannah għal piena ta' tlett xhur priġunerija u għal ħlas ta' multa ta' elfejn lira maltin (Lm2,000). Rat l-artikolu 22(3A) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna l-konfiska ta' kwalunkwe proprjeta', mobbli jew immobbli, ta' l-imputat. Rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lill-imputat li jħallas is-somma ta' tnejn u sittin lira maltin (Lm62) spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' periti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------